# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

## ONOR. MHALLEF
## JACQUELINE PADOVANI GRIMA LL.D. LL.M. (IMLI)

**Seduta ta' Nhar it-Tnejn 26 ta' Frar 2018**

**Rikors Numru : 380/2009 JPG**
**Kawza Numru : 17**

**Linda Jane Bannell ( numru tal-Karta tal-Identita' 0008751A u b'digriet tad- 9 ta' Dicembru 2009 Deborah Said giet nominata mandatorju specjali.**

**VS**

**Carmel Camilleri (numru tal-Karta tal-Identita' 348975M)**

**Il-Qorti,**

Rat ir-rikors gurament ta' Linda Jane Bannell (0008751A), datat fis-17 ta' April 2009, a fol 1 et seqq., li jaqra hekk;

1. *Illi l-partijiet izzewwgu fil-21 ta' Marzu 1990 u miz-zwieg taghhom kellhom zewgt itfal: Kristy Elizabeth Camilleri li twieldet fit-8 ta' Jannar 1991 illum maggorenni, u Benedict Edward Camilleri li twielet fit-22 ta' Gunju 1993;*

2. *Illi l-hajja mizzewga bejn il-kontendenti kienet saret impossibli minhabba ragunijiet attribwibbli lill-konvenut kif ukoll minhabba l-fatt illi l-hajja mizzewga bejn il-kontendenti tkissret irrimedjabbilment;*

3. *Illi l-esponenti applikat u ottjeniet divorzju mill-Ingilterra, senjatament Kingston-Upon-Thames County Court, liema divorzju gie registart fir-Registru Pubbliku ta' Malta, u fit-13 ta' Frar 2009 saret l-annotament relattiv fic- certifikat taz-zwieg tal-partijiet u dana kif jidher mid-dokument hawn anness u mmarkat bhala* ***DOK A****;*

4. *Illi ghalkemm iz-zwieg ta' bejn il- kontendenti gie xjolt bis-sentenza tal- Kingston-Upon-Thames County Court tal-10 ta; Ottubru 2008, liema senteza saret res judicata fis 26 ta' Novembru 2008, ghad hemm assi u dejn komuni tal-partijiet;*

***GHALDAQSTANT JGHID IL-KONVENT U*** *ghaliex din il-Qorti m'ghandhiex:*

1. *Tordna l-qasma tal-komunjoni tal-akkwisti appartenti lill- kontendenti u tordna li l-istess propjeta' formanti parti mill-komunjoni tal-akkwisti tigi maqsuma f'zewg porzjonijiet illi jigu assenjati, wahda lill-attrici u l-ohra lill-konvenut, u dan okkorendo bl-opera ta' perit nominat sabiex jillikwida l-istess komunjoni, u billi jigi nominat nutar sabiex jircievi l-att relattiv fil-jum,hin u lok li jigi ffisat u kuratur biex jirraprezenta lill-eventwali kontumacja fuq l-istess att. u li f'kaz li l-beni formanti parti mill-komunjoni tal-akkwisti jew uhud minnhom jirrizultaw mhux divizibbli ghaliex m'ghandhiex dil-Qorti tordna l-licitazzjoni tal-istess beni u r- rikavat jinqasam bejn l-kontendenti ugwalment:*

2. *Tordna lill-konvenut sabiex ihallas jew jikkonsenja lill-attrici skond il- kaz, il- krediti u propjeta' parafernali*

*BL-ISPEJJEZ- kontra l-konvenut ingunt minn issa stess in subizzjoni.*

Rat illi l-atti tar-rikors promotur, d-digriet u l-avviz tas-smiegh gew debitament notifikati skond il-ligi,

Rat ir-risposta giuramentata ta' l-intimat Carmel Camilleri datata 5 ta' Gunju 2009, a fol 30 et seqq, li taqra hekk;

1. *Illi in linea preliminari, in- nuqqas ta kompetenza 'rationae materiae' ta' din l-Onorabbli Qorti u l-konsegwenti nullita' tal-proceduri stante illi l-odjerni proceduri kellhom jigu inizjati quddiem l- Onorabbli Qorti Civili (Sezzjoni Familja) inkluz il-procedura tal-medjazzjoni.*

2. *Illi minghajr pregudizzju ghas-suespost u fi kwalunkwe kaz l-esponent ma jsibx oggezzjoni ghal tali divizjoni, purche' 1) issir verifika ta l-attiv u passiv 2) jigu akkordati l-krediti neccessarji u jsiru dawk l-assenjazzjonijiet tal-komunjoni tal-akwisti.*

3. *Salv risposti ulterjuri.*

Rat is-sentenza in parte ta' din il-Qorti **tal-5 ta' Mejju 2010** a fol 78 et seqq, dwar l-eccezzjoni sollevata mil-intimat fuq l-inkompentenza 'ratione materiae' tal-Qorti;

Rat id-digriet tat-28 ta' Mejju 2010 a fol 88 permezz ta' liema l-Prim'Imhalled ordna li din il-kawza tigi assjenta lil din il-Qorti, kif kienet gja giet assenjata;

Semghet ix-xhieda bil-gurament;

Rat id-dokumenti ezebiti u l-atti kollha tal-kawza;

Rat is-sottomisjonijiet finali mill-avukati difensuri tal-partijiet.

**Ikkonsidrat:**

**Linda Jane Bannell** xehdet permezz ta' affidavit a fol 12 illi l-kontendenti izzewgu fil-21 ta' Marzu 1990 filwaqt illi d-divorzju ta' bejniethom gie rregistrat hawn Malta fit-13 ta' Frar 2009, wara li kien gie pronunzjat fl-10 ta' Ottubru 2008 fir-Renju Unit. Spjegat illi peress illi l-partijiet iddivorzjaw fir-Renju Unit, il-komunjoni tal-akkwisti ma gietx likwidata, u l-partijiet ma kienx irnexxilhom jaslu ghal likwidazzjoni amikevoli u kien

ghalhekk illi intavolat din il-kawza. Qalet illi fil-komunjoni tal-akkwisti hemm is-segwenti assi:

- Appartament bl-indirizz 29, "The White House" Triq id-Duluri, San Pawl il-Bahar, inkluz garaxx u *store room;*
- Karozza tip Hyundai Accent li giet stamta bil-valur ta' €587 mill-ADT;
- Il-mobbli li jinsabu fl-appartament imsemmi;
- Life insurance policy mal-Middlesea Valletta Life Assurance Company Limited f'isem l-intimati;

Qalet ukoll illi bhala djun hemm is-segwenti:

- Is-somma ta' €26,712.18 pagabbli lil Bank of Valletta fir-rigward tal-house loan bil-kont numru 4001178069;
- Is-somma ta' €4,565.89 pagabbli lil Bank of Valletta fil-rigward tal-house loan bil-kont numru 4001184584;

Xehdet inoltre illi l-intimati kien wiehed mis-sidien ta' *"The Cherry Tree Bar* and Restaurant" f'Bugibba li kien jiggestixxi tramite shubija kummercjali bl-isem Jaycee Catering bin-numru ta' registrazzjoni P550, flimkien ma' Joseph Borg. Kompliet illi Borg u l-intimat kien kellhom disgwid u ghalhekk l-intimat kien biegh sehemu min-negozju lil Borg ghas-somma ta' Lm20,000, mill-liema somma hija qatt ma rcievet xejn. Qalet ukoll illi rigward id-dejn allegatament dovut lil hu l-intimat Paul Camilleri, hija ma taf b'xejn u l-ewwel darba li rat l-iskrittui kien proprju fil-mori ta' din il-kawza.

**Romwald Attard** xehed in rapprezentanza tal-Bank of Valletta a fol 163A *et seqq* u kkonferma illi l-pagamenti tal-*house loans* kienu baqghu jsiru, u mir-rendikonti jidher li l-pagamenti qed isiru b'mod regolari. Zied illi sat-18 ta' Novembru 2011 kien hemm zbilanc ta' €23,061.65 fuq wiehed mill-kontijiet tal-loan u fl-iehor hemm zbilanc ta' €3,824.62.

**Joseph Borg** xehed a fol 214 *et seqq* u a fol 220 illi l-intimat kien il-*partner* tieghu fil-kumpanija JC Catering li kienet tiggestixxi n-negozju bl-isem *Cherry Tree Bar* and *Restaurant*, li kien jinsab f'Pioneer Road, Bugibba. Qal illi l-intimati kien azzjonist fil-kumpanija JC Catering Limited, u li kienu investew il-flus u ghamlu *refurbishment* tal-post. Xehed illi ghalkemm ma jafx ezatt ma saru dawn ix-xogholijiet, jiftakar illi l-ewwel

kienu ghamlu renovazzjoni kbira, imbaghad kien hemm spejjez sussegwenti matul iz-zmien ghal *wear and tear*. Kompla illi dawn il-flus kienu johorgu jew mill-kumpanija jew minn tieghu personali. Xehed illi huwa kien eventwalment xtara sehem l-intimat ghal prezz ta' Lm20,000 li kien hallas permezz ta' erba pagamenti, u kull darba kienet giet irrilaxxata ricevuta. Qal illi ma jiftakarx kemm kienet is-somma originali li kienu hargu hu u l-intimati fil-bidu.

**Carmel Camilleri** a fol 247 *et seqq* u a fol 290 *et seqq* xehed illi waqt li kien mizzewweg mar-rikorrenti, kien jiggestixxi negozju bl-isem ta' *Cherry Tree Pub* gewwa Bugibba flimkien ma' Joseph Borg, liema negozju kien tieghu minn qabel iz-zwieg. Qal illi dan in-negozju kien falla, u kien hemm hafna djun fuqu dovuti lil huh Paul Camilleri. Qal illi hu kien ssellef ammont ekwivalenti ghal €50,000 minghand huh, u dawn ghadhom iridu jithallsu kollha. Spjega li bejnu u bejn martu kien inqala disgwid u kienet telqet mid-dar fl-2007, meta kienet hadet kull ma sabet id-dar. Xehed illi huwa ghadu joqghod fid-dar matrimonjali, liema fond inxtara waqt iz-zwieg u kompla jhallas il-pagamenti dovuti lil bank anke wara li martu telqet mid-dar, kif ukoll ic-cens u l-*maintenance* tal-appartament. Xehed illi waqt iz-zwieg hu kien wiret is-somma ta' kwazi €6,000 li kienet uzathom ir-rikorrenti sabiex marret tara lil ommha u lil missierha l-Ingilterra. Qal illi matul iz-zwieg kien hemm zmienijiet meta r-rikorrenti kienet tahdem, u zied ukoll illi m'ghadx ghandu jaghti flus lil Joseph Borg. Qal illi r-rikorrenti qatt ma kkontribwiet ghal pagamenti tal-loan, lanqas meta kienet Malta.

Rigward il-karozza Hyundai xehed illi din kienet inxtrat waqt iz-zwieg u kienet haditha r-rikorrenti, imbaghad kien ipparkjata *Regional Road* u hallitha hemm, u ghalhekk kienu hallsu biex tigi scrapped. Mistoqsi mill-Qorti jekk ghandu prova ta' dan, xehed illi n-*number plate* qieghed fil-pussess tat-tifel, u zied illi l-karozza formalment ma tghattajtx lilu ghaliex kienet giet registrata fuq isem ir-rikorrenti.

Rigward in-negozju xehed illi hu kien hareg minnu fl-2005 peress li kien sejjer hazin hafna tant li kien qed ikollu jissellef il-flus sabiex ikunu jistghu jzommu l-impjegati. Xehed illi lil hu ghadu jhallsu sal-gurnata tal-llum. Qal li ghalhekk kien qal lil Borg li ma riedx ikompli u dan kien offra li jixtri sehemu, u cioe nofs in-negozju. Xehed illi Borg kien qallu li n-negozju kien inxtara ghal Lm180,000 u llum il-gurnata kien gie jiswa Lm20,000 u hu kien accetta u ftehmu li dan l-ammont kellu jithallas f'hames snin. Kompla li dawn il-flus

filfatt thallsu kollha minn Borg, izda r-rikorrenti ghada ma rcievet xejn minnhom ghaliex dawn il-flus kienu nofshom ta' huh peress li kellu kwart, u inoltre kien hemm id-dejn li kellu ma huh, u ghalhekk kien ta kollox lilu. Zied illi n-negozju taghhom kien popolari hafna sas-sena 1993, u zied li meta kien issellef il-flus minghand huh, kien hemm spejjez iktar milli kien hemm qliegh.

**Paul Camilleri** a fol 254 u a fol 257 xehed illi hu jigi hu l-intimati, u kien sellef il-flus lill-intimat sabiex ihallas il-fond tan-negozju u jirranga n-negozju. Xehed illi dawn il-flus kien sellifhom lil huh qabel ma huh kien izzewweg lir-rikorrenti. Qal illi minn dawn il-flus li sellfu ghadu ma rcieva xejn. Meta rega gie prodott sabiex jixhed, u b'referenza ghad-dokumenti a fol 41, 126 u 128 spjega illi huwa kien gibed dawn il-flus mill-Ingilterra bhala sterlini, u **l-ammont globali f'ewro jigi fl-ammont ta' €167,915.91**. Qal illi mill-ammont li sellef lil huh, hu thallas biss is-somma ta' Lm20,000 mill-ammont globali li kien ghadu kif semma f'ewro.

**In-Nutar Dottor Anthony Abela** xehed permezz ta' affidavit a fol 273 *et seqq* u kkonferma r-rendikont rigward l-eredita tal-mejjet Giuseppe Camilleri li miet fit-2 ta' Mejju 1999.

**Joanna Bartolo** xehdet in rapprezentanza tal-Bank of Valletta a fol 282 *et seqq* illi l-pagamenti tas-self ghad-dar matrimonjali tal-kontendenti kienu qed jigu maghmula permezz ta' *standing order* minn kont personali tal-intimati, u kkonferma li l-pagamenti kienu qed isiru regolarment kull xahar.

**Dr. Josette Sultana** xehdet in rapprezentanza ta' Mosta Autodealer a fol 284 u prezentat kopja tal-valutazzjoni maghmula mill-istess kumpanija tal-vettura tal-kontendenti fl-2007, li gie stimata fl-ammont ta' €6,524.

**Ikkonsidrat;**

Jirrizulta u mhux kontestat illi l-partijiet izzewgu fil-21 ta' Marzu 1990 u ottjenew divorzju fir-Renju Unit, liema divorzju gie rregistrat hawn Malta fit-13 ta' Frar 2009. Jirrizulta wkoll illi l-komunjoni tal-akkwisti ta' bejn il-partijiet ma gietx likwidata waqt il-proceduri ta' divorzju, u huwa proprju ghalhekk illi r-rikorrenti intavolat din il-kawza. Il-

Qorti ghalhekk sejra issa tkompli sabiex tikkonsidra l-assi u d-djun li l-partijiet qed jikkontendu li jifformaw parti mill-komunjoni tal-akkwisti ta' bejniethom, u tiddetermina kif dawn l-assi u djun ghandhom jinqasmu.

**<u>Id-dar matrimonjali, inkluz is-self mehud ghax-xiri taghha, u spejjez relatati</u>**

M'huwiex kontestat illi d-dar bl-indirizz 29, "The White House" Triq id-Duluri, San Pawl il-Bahar, inkluz il-garaxx u *store room*, inxtrat waqt iz-zwieg, u cioe fit-13 ta' Awissu 2002, u ghalhekk tifforma parti mill-komunjoni tal-akkwisti.

M'huwiex kontestat ukoll illi l-intimat kompla jaghmel il-pagamenti dovuti ghal *loans* fuq l-istess fond, u inoltre baqa' jhallas ic-cens dovut u l-*maintenance fee* dovuta. Ir-rikorrenti ma tikkontestax l-ammont illi l-intimat qed jghid illi hallas f'dan ir-rigward, u ma tikkontestax illi ghandha thallas nofsu hi, izda targumenta biss illi l-intimat kien qieghed jirrisjedi f'din id-dar minghajr kera, u ghalhekk dan ghandu jittiehed in konsiderazzjoni mill-Qorti. Il-Qorti pero tqis illi dan l-argument huwa nfondat, peress illi m'hemm l-ebda kera dovuta mill-intimat talli kien qed ikompli jirrisjedi fid-dar matrimonjali, stante illi huwa d-dritt tal-konjugi li jghixu fid-dar matrimonjali sakemm il-komunjoni tal-akkwisti ma tigix likwidata, jew ma jkunx hemm ordni tal-Qorti li tordna lil konjugi jew min minnhom barra mid-dar matrimonjali.

Il-Qorti rat illi l-partijiet ma sottomettewx valutazzjoni tal-fond, u dan minkejja illi ma jaqblux rigward il-valur tal-fond. Skont l-intimat, il-valur ta' dan il-fond illum il-gurnata huwa ta' €120,000.[1] Il-Qorti pero tqis illi dan huwa ghal kollox inverosimili, specjalment ikkonsidrat illi meta l-partijiet xtraw il-proprjeta fl-2002 din kienet tiswa €106,976.74 (ekwivalenti ta' Lm46,000). Huwa inverosimili illi fi kwazi sittax – il sena, il-valur ta' din il-proprjeta apprezza biss b'€14,000, meta huwa risaput illi specjalment f'dawn l-ahhar snin, il-valur tal-proprjetajiet ghola b'mod sostanzjali. Il-Qorti ghalhekk tqis illi aktar verosimili illi l-fond ghandu valur qrib l-€200,000, u ghalhekk ghandu jinbiegh ghal mhux anqas minn din is-somma, sakemm il-partijiet ma jaqblux bil-miktub li huma lesti li jaccettaw somma aktar baxxa.

[1] Vide Fol 416.

Rigward l-ammonti mhallsin mill-intimat, l-intimat jikkalkola l-ammont li r-rikorrenti ghandha tirrifondi nofsu fuq perjodu bejn April 2007 u Mejju 2017. Illi pero, id-divorzju ta' bejn il-kontendenti gie rregistrat hawn Malta fit-13 ta' Frar 2009, u ghalhekk huwa minn dak il-punt illi ghandu dritt ghar-rifuzjoni ta' nofs l-ammonti mhallsin minnu, peress illi qabel din id-data, il-hlasijiet kienu ghadhom qed isiru mill-komunjoni, u dan a tenur tal-Artikolu 1319 tal-Kodici Civili. Ghalhekk il-perjodu applikabbli ghandu jkun bejn it-13 ta' Frar 2009 sa Mejju 2017. Ghalhekk dak dovut mir-rikorrenti huwa:

- In kwantu ghal-pagamenti tac-cens, gie mhallas mill-intimat €93.17 kull sena ghal 8 snin, u cioe €745.36. Ghalhekk sehem ir-rikorrenti huwa ta' **€372.68**.

- In kwantu ghal-pagamenti tal-*maintenance fee,* gie mhallas mill-intimat €430 kull sena ghal 8 snin, u cioe €3,440. Ghalhekk sehem ir-rikorrenti huwa ta' **€1,720**

- In kwantu ghal pagamenti tal-*loans,* saru 99 pagamenti mill-intimati fuq perjodu ta' tmien snin u tliet xhur ta' €228.61 kull wiehed, u cioe total ta' €22,632.39. Ghalhekk sehem ir-rikorrenti huwa ta' **€11,316.20**.

Ir-rikorrenti ghandha ghalhekk tirrifondi lill-intimat is-somma ta' **€13,408.87**.

**<u>L-oggetti mobbli fid-dar matrimonjali</u>**

Il-Qorti rat illi ghalkemm il-kontendenti prezentaw elenku tal-oggetti mobbli prezenti fid-dar matrimonjali, hadd ma ta lil Qorti stima tal-valur ta' dawn l-oggetti. Minn naha taghha, r-rikorrenti tghid fin-nota ta' sottomissjonijiet taghha illi hija m'ghandha ebda interess fl-oggetti mobbli li ghadhom fid-dar matrimonjali u mhux qed tippretendi li tiehu xi sehem minnhom. L-intimat minn naha tieghu, kif jidher mill-prospett a fol 416, qed jippretendi s-somma ta' €1,595 rapprezenanti l-valur tal-mobbli li u jghid ir-rikorrenti kienet hadet maghha meta telqet mid-dar. Il-Qorti tqis l-valur tal-mobbli li ghad hemm fid-dar matrimonjali huwa ferm aktar minn dan, u ghalhekk tqis illi m'hemm lok ghall-ebda rifuzjoni favur l-intimat, u minflok il-kontendenti ghandhom izommu l-mobbli li diga qieghdin fil-pussess taghhom.

**<u>Id-djun dovuti lil hu l-intimat</u>**

L-intimat jikkontendi illi r-rikorrenti ghandha thallas is-somma ta' €25,000, rapprezentanti nofs is-somma ta' €50,000 li huwa ha bhala self minghand huh in konnessjoni man-negozju *The Cherry Tree Bar and Restaurant*. Bhala prova sabiex jissostanza l-ezistenza ta' dan id-dejn, l-intimat produca skritturi miktuba bl-idejn relattivi ghal kull self (kien hemm allegatament tlieta b'kollox, eskluz self inizjali li sar qabel iz-zwieg), kif ukoll ipproduca lil huh Paul Camilleri sabiex jikkonferma l-ezistenza ta' dawn id-djun. Minn naha taghha, r-rikorrenti tghid illi hija ma taf xejn fuq dawn id-djun u li l-ewwel darba li rat dawn l-iskritturi kien meta gie prezentati f'dawn il-proceduri.

Il-Qorti tirrileva illi din l-asserzjoni tal-intimat m'hija xejn kredibbli. L-ewwel nett, il-Qorti rat illi minkejja li l-intimat jghid li ha dan is-self in parti sabiex isir *refurbishment* tal-hanut, mix-xhieda ta' Joseph Borg, sieheb fin-negozju tal-intimat, **jirrizulta illi l-hlas ghal dawn ir-*refurbishment* kien isir jew mill-kont tal-*partnership*, jew mill-kont tieghu stess.** Inoltre, l-Qorti tistaqsi, ghalfejn kien qieghed jiehu self f'ismu wahdu l-intimat, meta n-negozju kien bi shab ma' Borg? Inoltre, il-Qorti tqis illi Paul Camilleri ma kienx xhud kredibbli. Il-Qorti tibda biex tirrileva illi meta mistoqsi rigward meta kien sellef xi flus lill-intimat, **ix-xhud wiegeb li kien selfu l-flus qabel ma kien izzewweg**. Fil-fehma tal-Qorti, huwa kemmxejn inverosimili illi dan ix-xhud kien ser jinsa li apparti l-ewwel allegat self, huwa kien sellef lil huh circa €50,000 ohra fuq medda ta' tliet snin bejn l-1993 u l-1996. Barra minn hekk il-Qorti rat kif ix-xhud l-ewwel qal illi huh kien ghadu ma hallsu xejn minn dan l-ammont dovut lilu, imbaghad meta rega gie prodott, qal illi mill-ammont misluf huh kien hallsu Lm20,000, sabiex konvenjentement jikkorrobora t-tezi tal-intimat illi l-flus li kien thallas minghand Borg ghal sehemu kien hallashom lil huh. Il-Qorti tqis ghalhekk illi x-xhieda ta' Paul Camilleri m'ghandha l-ebda kredibilita u ghalhekk qed tigi skartata.

Il-Qorti ma tistghax ukoll tonqos milli tikkummenta fuq l-ammont li l-intimat qed jikkontendi li ssellef, u hareg, sabiex inxtara n-negozju. Skont l-intimat, hu u Borg kellhom bzonn aktar minn €400,000 sabiex xtraw dan in-negozju fl-1989. Dan huwa l-istess intimat li jrid lil Qorti temmen li l-valur tad-dar matrimonjali fl-2018 huwa ta' €120,000. F'dan ir-rigward ukoll, il-Qorti tirrileva illi jekk verament hu minnu illi l-

intimat kien issellef minghand huh fl-1989 bil-kundizzjoni li jibda jinghata 25% mill-profitti tan-negozju, il-komunjoni tal-akkwisti ta' bejn il-kontendenti ghandha kreditu favur taghha, peress illi kwalunkwe hlas li jkun sar f'dan ir-rigward ikun hlas li sar mill-komunjoni a beneficcju ta' dejn parafernali tal-intimat. Peress illi ma ngabu l-ebda provi dwar dan, il-Qorti ma tista' taghmel l-ebda pronunzjament u likwidazzjoni f'dan is-sens, u ghalhekk qed tirriserva kwalunkwe dritt t'azzjoni spettanti lir-rikorrenti f'dan ir-rigward. Il-Qorti wkoll qajla temmen illi l-intimat u Borg hallsu aktar minn €400,000 fl-1989 ghal dan in-negozju, meta imbaghad meta hareg min-negozju l-intimat ha biss Lm20,000 ghal sehemu. Il-Qorti taghraf illi minkejja illi fl-iskrittura ta' l-1989 bejn l-intimat u huh tissema proprieta li nxtrat ghal dan l-iskop, ma hemm ebda prova in atti permezz ta' kuntratti li tipprova l-ezistenza tal-proprieta, jew l-prova tal-provenjenza tal-flus li allegatament intuzaw ghax-xiri tal-fond u kif u lil min thallsu.

Illi detto dan, il-Qorti tqis illi anke li kieku kellha temmen il-verzjoni tal-intimat illi dawn id-djun verament jezistu, il-Qorti hija tal-fehma illi dawn id-djun ma jistghux jigu mghobbija fuq il-komunjoni tal-akkwisti. Skont l-Artikolu 1324 tal-Kodici Civili

> ***"Atti normali ta' ġestjoni ta' kummerċ, negozju jew professjoni li jkunu qed jigu eżerċitati minn parti waħda biss mill-miżżewġin, ikunu vestiti biss f'dik il-parti li fil-fatt tkun qed teżerċita dak il-kummerċ, negozju jew professjoni anke fejn dawk l-atti kieku ma kenux magħmula in relazzjoni ma' dik is-sengħa, negozju jew professjoni kienu jikkostitwixxu amministrazzjoni straordinarja."***

Il-Qorti taghraf illi skont il-gurisprudenza tal-Qrati taghna, it-tehid ta' self huwa kkonsidrat bhala att normali ta' gestjoni ta' negozju, u ghalhekk konjugu li jezercita kummerc jew negozju jista' jiehu self wahdu, minghajr ma jinvolvi lil konjugu l-iehor, u dan id-dejn ikun piz fuq il-komunjoni tal-akkwisti. Din il-Qorti hija tal-fehma pero li din is-setgha m'hijiex wahda bla limiti, ghaliex mhux kull tehid ta' self jista' jigi kkonsidrat bhala att ta' normali ta' gestjoni ta' kummerc jew negozju. Fil-fehma konsiderata ta' din il-Qorti, it-tehid ta' self meta n-negozju jew kummerc li jezercita wiehed mill-konjugi jkun fi stat finanzjarju prekarju ma jistghax jigi kkonsiderat bhala att normali ta' gestjoni ta' kummerc jew negozju, u l-Qorti tqis illi dan isib konfort fil-gurisprudenza nostrana. Hekk per ezempju, fil-kamp tal-ligi ta' kumpaniji, fil-kaz illi d-diretturi jakkumulaw djun meta

jkunu jafu li l-kumpanija tinsab fi stat finanzjarju hazin u ghandu ragonevolment jassumu li mhux ser ikunu jistu' ihallsu lura d-dejn li jakkumulaw, il-gurisprudenza kostanti tal-Qrati taghha tghallem illi dan l-akkumulu ta' dejn, tant m'huwiex att normali ta' gestjoni ta' negozju, illi jista' jwassal sabiex isir dak li jisejjeh ***'the piercing of the corporate veil'*** sabiex id-diretturi jinsabu responsabbli personalment ghal dawn id-djun tal-kumpanija minhabba li jkunu prattikaw *wrongful trading*. Anke fil-kamp tal-ligi tal-familja, il-Qorti rat illi fis-sentenza fl-ismijiet **A vs B** deciza mill-Qorti Civili (Sezzjoni Familja) fl-24 ta' Frar 2005, il-Qorti kienet assenjat id-djun akkumulati mir-ragel relattivi ghan-negozju tieghu, anke ghaliex hasset illi din l-akkumulazzjoni ta' dejn kienet tissarraf f'gestjoni rresponsabbli tan-negozju mir-ragel, u kienet sabet ukoll illi l-fatt li r-ragel kien zamm dan id-dejn mistur minn martu kien agir illegali u abbuziv fil-konfront ta' martu.

Il-Qorti rat illi l-intimat *ex admissis* qal illi n-negozju kien diga beda sejjer lura hafna fl-1993, u senjatament qal illi l-pub in kwistjoni kien popolari biss sa dik is-sena u kien qed jisellef il-flus minghand huh anke biex jaghmel tajjeb ghad-djun li kienu qed jakkumulaw. Il-Qorti tqis illi l-agir tal-intimat kien ghal kollox irresponsabbli u abbuziv fil-konfront tar-rikorrenti u dan ikkonsidrat illi:

1. L-intimat kien qed jissellef ammonti sostanzjali ta' flus meta n-negozju kien diga qieghed f'posizzjoni finanzjarja prekarja, u dan bil-mohbi tar-rikorrenti;
2. L-intimat issellef il-flus minghand huh wahdu, u dan minkejja illi kellu sieheb fin-negozju, li flimkien kienu jezercitaw in-negozju permezz ta' parternship a nom collectif, u li kieku ghalhekk kien ikun responsabbli ghal nofs id-dejn;
3. L-intimat kompla jiddejjen meta kien diga ha self ta' xi £90,000 (Vide fol AC1 a fol 256) qabel ma beda n-negozju, kagun ta' liema 25% mill-profitti tan-negozju, li kienu wara z-zwieg introjtu tal-komunjoni, kienu qed imorru minflok biex ihallsu dejn parafernali tal-intimat;
4. L-intimat ma kienx jiggestixxi negozju tramite *limited liability company* u ghalhekk kien qieghed f'riskju finanzjarju personali akbar, u r-rikorrenti ma kellha l-ebda ghazla dwar dan peress illi kien dahal f'din l-ishubija qabel iz-zwieg.

Il-Qorti tqis ghalhekk illi f'dawn ic-cirkostanzi ma jistghax jinghad li d-dejn allegatament akkumulat mill-intimat kien att normali ta' gestjoni ta' negozju, specjalment meta l-intimat mhux talli kompla jiddejjen meta skont hu in-negozju kien qed ifalli, izda kien qed jiddejjen wahdu, ghalkemm kwalunwke profit li kien qed isir min-negozju kien

naturalment jinqasam mas-socju tieghu Joseph Borg. Ghalhekk, galadarba it-tehid ta' din is-self ma jistghax jigi kkonsidrat bhala att ordinarju ta' gestjoni ta' kummerc, sabiex dan id-dejn ikun dejn tal-komunjoni tal-akkwisti, ir-rikorrenti kellha taghti l-kunsens taghha. F'dan il-kaz jirrizulta illi r-rikorrenti lanqas giet informata li l-intimat kien qieghed jiddejjen, u ghalhekk, jekk verament jezisti dan id-dejn, dan id-dejn huwa unikament responsabbli ghalih l-intimat.

Il-Qorti ghalhekk tqis illi xejn m'huwa dovut mir-rikorrenti taht din il-kappa.

**<u>Is-somma ricevuta mill-intimat ghall-bejgh ta' sehemu min-negozju *The Cherry Tree Bar and Restaurant*</u>**

Jirrizulta illi l-intimat irceiva s-somma ta' €46,587.47 (ekkwivlaenti ghal LM20,000) ghal bejgh ta' sehemu minn dan in-negozju. Huwa jikkonferma illi ma ta xejn minn dan l-ammont lir-rikorrenti, u jghid illi dan l-ammont tah kollu lil huh sabiex jibda jhallsu lura l-ammont dovut lilu. Il-Qorti tibda biex tirrileva illi din l-asserzjoni tal-intimat m'hija xejn kredibbli, mhux biss ghaliex il-Qorti sabet illi l-ezistenza innfisha tad-dejn m'ghandhiex mis-sewwa. Dan qieghed jinghad ukoll ghaliex l-intimat beda l-ewwel billi jghid li lil huh ghadu ma hallsu xejn, imbaghad biddel din il-verzjoni u beda jghid illi s-somma li rcieva mill-bejgh tan-negozju ghaddiha lil huh bhala hlas in parti tas-somma dovuta lilu. Barra minn hekk, ghal dak li jirrigwarda il-persentagg ta' 25% li skont l-intimat huwa dovut lil huh ai termini tal-iskrittura tal-1989, il-Qorti tirrileva illi anke li kieku kellha temmen li dan is-self sar, dan ma jistghax jithallas mir-rikavat tal-bejgh ta' sehem l-intimat, ghaliex dak ir-rikavat huwa tal-komunjoni filwaqt li d-dejn tal-1989 huwa dejn parafernali.

Ghalhekk l-intimat ghandu jhallas lir-rikorrenti s-somma ta' **€23,293.73**, rapprezenanti nofs is-somma ta' €46,587.47 ricevuta mill-intimat minghand Joseph Borg ghal akkwist ta' sehem l-intimat min-negozju li kellhom bejniethom.[2]

---

[2] Vide fol 147.

**Il-polza ta' assikurazzjoni fuq il-hajja bin-numru FP441212**

Il-Qorti rat illi mhux kontestat illi din il-polza tifforma parti mill-komunjoni tal-akkwisti ta' bejn il-kontendenti. Il-Qorti rat ukoll illi l-intimat m'ghamel l-ebda sottomissjoni fis-sens illi jixtieq illi din il-polza tibqa' rregistrata f'ismu, fil-waqt li jhallas nofs il-valur taghha lir-rikorrenti. Ghalhekk il-Qorti tqis illi din il-polza ghandha tigi likwidata, u r-rikavat ghandu jinqasam nofs bin-nofs bejn il-partijiet.

**Flus parafernali tal-intimat provenjenti minn wirt**

Rigward dawn il-flus, ir-rikorrenti mhux qed tikkonesta li hemm lok ghal rifuzjoni favur l-intimat f'dan is-sens, izda tikkontesta l-quantum, li skont l-intimat huwa fl-ammont ta' €5,825.

Il-Qorti rat mid-dokumenti esebiti a fol 273 *et seqq* illi l-ammont tad-depozitu maghmula favur il-werrieta ta' Giuseppe Camilleri kien fl-ammont ta' Lm9,580.62, u cioe €22,280.51. Dan l-ammont kellu jinqasam bejn 12 -il eredi, li 10 minnhom kellhom sehem ta' 1/10 kull wiehed, u tnejn minnhom kellhom sehem ta' 1/30 kull wiehed. Ghalhekk l-ammont verament percepit mill-intimat huwa ta':

€22,280.51/32 = €696.27 x 3 = **€2,088.80**.

Ghalhekk ir-rikorrenti ghandha tirrifonda lill-intimat is-somma ta' €2,088.80.

**Flus allegatament mislufa mill-kontendenti lil oht ir-rikorrenti, u flus allegatament mehudin mir-rikorrenti mid-dar.**

Rigward is-somom li r-rikorrenti allegatament hadet meta telqet mid-dar, il-Qorti rat illi r-rikorrenti qed tinnega dan, filwaqt illi l-intimat, ghalkemm kien jaf ezatt kemm hadet ir-rikorrenti, ma ta l-ebda dettal li seta' ta aktar kredibilita il-verzjoni tieghu, bhal per ezempju meta dawn il-flus ittiehdu mir-rikorrenti, jew almenu fejn kienu mizmuma d-dar, u kif/meta nduna li gew nieqsin. Rigward il-flus tal-komunjoni li allegatament gew mislufa lil oht ir-rikorrenti, il-Qorti rat illi ghalkemm dan seta' facilment jigi kkoroborrat bix-xhieda ta' rapprezenanti bankarji, l-intimat naqas milli jippoduci tali xhieda. Fid-dawl ta'

dawn, u fid-dawl illi kif inghad aktar il-fuq, il-Qorti sabet li l-intimat ma kien xejn kredibbli f'dawn il-proceduri, il-Qorti tichad dawn it-talbiet tal-intimat.

**Il-vettura Hyundai Accent**

Rigward il-vettura Hyundai Accent, il-Qorti tirrileva illi r-rikorrenti kienet telqet minn Malta fl-2008 u kienet halliet din il-vettura warajha. Ghalkemm l-intimat jilmenta li kienet hallietha f'Regional Road, il-punt huwa li kien jaf fejn hi din il-vettura, u ghalhekk kien qieghed f'posizzjoni li juzaha hu kieku ried. Il-fatt li din kienet irregistrata f'isem ir-rikorrenti ma jfissirx illi l-intimat ma' seta' jaghmel xejn dwar din il-vettura, ghaliex apparti li seta' jipprova jirranga mar-rikorrenti sabiex amikevolment ir-registrazzjoni taghha tinqaleb fuq ismu, kieku ma wasalx ghal tali arrangement, seta' jintavola l-proceduri necessarji quddiem il-Qorti. Dak li huwa zgur huwa li din il-vettura ma kienetx fil-pussess tar-rikorrenti, izda tal-intimat sa mill-2008 u ghalhekk ma jirrizultax ghalfejn ir-rikorrenti ghandha thallas lill-intimat xi flus relattivi ghal din il-vettura, li llum il-gurnata *ex admissis* jghid li ghazel li jisskrappja.

Ghal dawn il-motivi l-Qorti taqta' u tiddeciedi billi filwaqt li tastjeni milli tiehu konjizzjoni ulterjuri tal-ewwel eccezzjoni tal-intimat stante li diga giet deciza permezz ta' sentenza in parte, tilqa' t-talbiet tar-rikorrenti, tiddikjara xolta l-komunjoni tal-akkwisti bejn il-kontendenti u:

1. **Tordna illi l-fond bl-indirizz jinbiegh fuq is-suq liberu ghal prezz ta' mhux anqas minn €200,000, eskluz kwalunwke senserija, sakemm il-partijiet ma jaqblux bil-miktub illi l-fond jinbiegh bi prezz anqas, bi dritt ta'** ***first refusal*** **favur l-intimat. Il-Qorti tordna wkoll illi jekk il-partijiet ma jkunux fuq konvenju rigward dan il-fond fi zmien sena mid-data ta' din is-sentenza, il-fond ghandu jinbiegh bis-subbasta taht l-awtorita tal-Qorti. Ir-rikavat ta' dan il-bejgh ghandu l-ewwel imur sabiex tigi saldata kwalunkwe somma tkun ghada dovuta lil bank ghal-house loans relattivi, u l-bqija tar-rikavat ghandu jinqasam nofs bin-nofs bejn il-partijiet;**
2. **Tordna lir-rikorrenti sabiex thallas lill-intimat is-somma ta' €13,408.87, rapprezentanti nofs il-pagamenti maghmulin mill-intimati ghall-pagamenti tal-**

**loan fuq id-dar matrimonjali, hlasijiet tac-cens u *maintenance* fees ghall-istess fond mit-13 ta' Frar 2009 sa Mejju 2017;**

3. **Tordna lir-rikorrenti sabiex thallas lill-intimat is-somma ta' €2,088.80 rapprezentanti flus percepiti mill-intimat mill-eredita ta' missieru;**
4. **Tordna lill-intimat ihallas lir-rikorrenti s-somma ta' €23,293.73 rapprezentanti nofs l-introjtu tal-bejgh ta' sehem l-intimat min-negozju *Cherry Tree Bar and Restaurant*;**
5. **Fir-rigward tal-oggetti mobbli, tordna li kull parti ghandha z-zomm dawk l-oggetti mobbli diga fil-pussess taghha;**
6. **Tordna illi l-polza tal-assigurazjoni numru FP44121 tigi likwidata, u r-rikavat jinqasam ugwalment bejn il-partijiet.**

**L-ispejjez ghandhom jinqasmu nofs bin-nofs bejn il-partijiet.**

**Moqrija.**

**Mhallef Jacqueline Padovani Grima LL.D. LL.M. (IMLI)**

**Lorraine Dalli**
**Deputat Registratur**